



## Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla)

5 ta' Mejju 2015 \*

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali SPARITUAL — Trade marks Benelux verbali u figurattiva preċedenti SPA u LES THERMES DE SPA — Raġuni relattiva għal rifjut — Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”

Fil-Kawża T-131/12,

**Spa Monopole, compagnie fermière de Spa SA/NV**, stabbilita fi Spa (il-Belġju), irrappreżentata minn L. De Brouwer, E. Cornu u É. De Gryse, avukati,

rikorrenti,

vs

**L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)**, irrappreżentat minn J. Crespo Carrillo u A. Folliard-Monguiral, bħala aġenti,

konvenut,

il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali, hija

**Orly International, Inc.**, stabbilita fi Van Nuys, California (l-Istati Uniti), irrappreżentata minn P. Kremer u J. Rotsch, avukati,

li għandha bħala suġġett rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tad-9 ta' Jannar 2012 (Każ R 2396/2010-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Spa Monopole, compagnie fermière de Spa SA/NV u Orly International, Inc.,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla),

komposta minn M. E. Martins Ribeiro, President, S. Gervasoni u L. Madise (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: J. Weychert, Amministratur,

wara li rat ir-rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-23 ta' Marzu 2012,

wara li rat ir-risposta tal-UASI ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-24 ta' Lulju 2012,

wara li rat ir-risposta tal-intervenjenti ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-14 ta' Awwissu 2012,

\* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

wara li rat ir-replika ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-6 ta' Diċembru 2012,  
wara li rat il-kontroreplika tal-UASI ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-8 ta' Marzu 2013,  
wara li rat il-kontroreplika tal-intervenjenti ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-12 ta' Marzu 2013,  
wara s-seduta tat-8 ta' Lulju 2014,  
tagħti l-preżenti

## Sentenza

### Il-fatti li wasslu għall-kawża

- 1 Fl-11 ta' Frar 2006, l-intervenjenti, Orly International, Inc., ippreżentat applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 1, p. 207), kif emendat [issostitwit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 26/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 1, p. 1)].
- 2 It-trade mark li għaliha ntalbet ir-reġistrazzjoni hija s-sinjal verbali SPARITUAL.
- 3 Il-prodotti li għalihom saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni jaqgħu taħt il-klassi 3 fis-sens tal-Ftehim ta' Nice dwar il-Klassifikazzjoni Internazzjonali ta' Prodotti u ta' Servizzi għall-Finijiet tar-Reġistrazzjoni ta' Trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif rivedut u emendat, u jikkorrispondu mad-deskrizzjoni li ġejja: "Prodotti għal kura tad-dwiefer u aġenti għall-kura tal-ġisem".
- 4 L-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja ġiet ippubblikata fil-Bullettin tat-trade marks Komunitarji Nru 048/2004, tat-29 ta' Novembru 2004.
- 5 Fil-25 ta' Frar 2005, ir-rikorrenti, Spa Monopole, compagnie fermière de Spa SA/NV, għamlet oppożizzjoni, skont l-Artikolu 42 tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 41 tar-Regolament Nru 207/2009), kontra r-reġistrazzjoni tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għall-prodotti msemmija fil-punt 3 iktar 'il fuq.
- 6 L-oppożizzjoni kienet ibbażata b'mod partikolari fuq it-trade marks preċedenti li ġejjin:
  - It-trade mark Benelux verbali SPA, irreġistrata fil-11 ta' Marzu 1981, bin-numru 372 307, imġedda sal-11 ta' Marzu 2021, għal prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 3 u tikkorrispondi mad-deskrizzjoni li ġejja: "Preparazzjonijiet għall-ibbliċjar u sustanzi oħra għall-ħasil; preparazzjonijiet għal tindif, illustrar, sabiex wieħed jogħrok u li joborxu; sapun; fwejjaħ, żjut essenzjali, kożmetiċi, lozjonijiet tax-xagħar; preparazzjonijiet u prodotti tat-twaletta għal skopijiet mhux mediċi; toothpaste" (iktar 'il quddiem it-"trade mark verbali SPA li tinkludi prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 3");
  - It-trade mark Benelux verbali SPA, irreġistrata fil-21 ta' Frar 1983, bin-numru 389 230, imġedda sal-21 ta' Frar 2023, għal prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 32 u tikkorrispondi mad-deskrizzjoni li ġejja: "Ilma minerali u ilma effervexxenti, u xorb ieħor mhux alkoħoliku; xorb li fih il-frott u sugi tal-frott; xroppi u preparazzjonijiet oħra għax-xarbi" (iktar 'il quddiem it-"trade mark verbali SPA li tinkludi prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 32");

- It-trade mark Ġermaniża verbali SPA, irreġistrata fit-8 ta' Awwissu 2000, bin-numru 2 106 346, għal prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 3 u tikkorrispondi mad-deskrizzjoni li ġejja: “Fwejjjaħ u aġenti għall-kura tal-ġisem u tas-sbuħija” (iktar 'il quddiem it-“trade mark Ġermaniża verbali SPA”);
- It-trade mark Benelux figurattiva, riprodotta iktar 'il fuq, irreġistrata fl-20 ta' Frar 1997, bin-numru 606700, għal prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 32 u tikkorrispondi ma' li ġejja: “Bierer, ilma minerali u ilma effervexxenti, u xorb ieħor mhux alkoħoliku; xorb li fih il-frott u sugi tal-frott; xiroppi u preparazzjonijiet oħra għax-xarbiet” (iktar 'il quddiem it-“trade mark figurattiva SPA b’Pierrot”):



- It-trade mark Benelux verbali LES THERMES DE SPA, irreġistrata fid-9 ta' Frar 2001, bin-numru 693 395, għal servizz li jaqgħu taħt il-klassi 42 u tikkorrispondi mad-deskrizzjoni li ġejja: “Servizzi ta' stabbilimenti termali, inkluż provvista ta' servizzi għal kura tas-saħħa, banjinet, doċoċ u massaġġi” (iktar 'il quddiem it-“trade mark verbali LES THERMES DE SPA li tinkludi servizzi li jaqgħu taħt il-klassi 42”).
- 7 Il-motivi invokati insostenn tal-oppożizzjoni kienu dawk imsemmija fl-Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament Nru 207/2009].
  - 8 Permezz ta' deċiżjoni tal-10 ta' Jannar 2008, id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni ċaħdet l-oppożizzjoni u eskludiet il-probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni u t-trade mark Ġermaniża verbali SPA, li għaliha l-użu ġenwin ma kienx meħtieġ.
  - 9 Fil-21 ta' Jannar 2009, l-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI annulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-10 ta' Jannar 2008. Huwa rrileva li t-trade mark Ġermaniża verbali SPA kienet ġiet annullata wara l-adozzjoni tal-imsemmija deċiżjoni, minħabba li hija ma għandhiex karattru distintiv. Għalhekk, l-oppożizzjoni ma setgħetx tiġi validament ippreżentata fuq il-bażi tal-imsemmija trade mark. Konsegwentement, huwa rrinvija lid-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni l-eżami tal-oppożizzjoni ppreżentat fuq il-bażi tat-trade mark preċedenti differenti mit-trade mark Ġermaniża verbali SPA.
  - 10 Permezz ta' deċiżjoni tat-8 ta' Ottubru 2010, id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni laqgħet l-oppożizzjoni. Hija qieset, abbażi tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009, li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni tiegħu vantaġġ indebitu mit-trade mark verbali SPA li tinkludi prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 32.
  - 11 Fit-8 ta' Diċembru 2010, l-intervenjent appella quddiem l-UASI kontra d-deċiżjoni tad-Diviżjoni ta' l-Oppożizzjoni, tat-8 ta' Ottubru 2010.

- 12 Fil-15 ta' Diċembru 2010, ir-rikorrenti llimitat l-oppożizzjoni tagħha għal tliet trade marks, jiġifieri t-trade mark verbali SPA li tinkludi prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 3, it-trade mark verbali SPA li tinkludi prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 32 u t-trade mark verbali LES THERMES DE SPA li tinkludi servizzi li jaqgħu taħt il-klassi 42.
- 13 Permezz ta' deċiżjoni tad-9 ta' Jannar 2012 (iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”), l-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI annulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tat-8 ta' Ottubru 2010.
- 14 Preliminarjament, il-Bord tal-Appell jirrileva, fil-punt 23 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-oppożizzjoni kellha tiġi eżaminata biss fir-rigward tat-tliet trade marks verbali preċedenti msemmija fil-punt 12 iktar 'il fuq. Prinċipalment, fl-ewwel lok, fir-rigward tal-oppożizzjoni bbażata fuq it-trade mark verbali SPA li tinkludi prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 3, huwa qies, fil-punti 36 u 37 tal-imsemmija deċiżjoni, li d-dokumenti pprovduti mir-rikorrenti ma kinux jippermettu li jiġi stabbilit l-użu ġenwin tal-imsemmija trade mark għall-prodotti li jaqgħu taħt l-klassi 3, fis-sens tal-Artikolu 42(2) tar-Regolament Nru 207/2009. Fit-tieni lok, fir-rigward tal-oppożizzjoni bbażata fuq it-trade mark verbali SPA li tinkludi prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 32, huwa qies li ċerti kundizzjonijiet, imsemmija fl-Artikolu 8(5) tal-imsemmi regolament, sabiex tintlaqa' l-oppożizzjoni fuq l-bażi ta' din it-trade marks ma kinux issodisfatti. Fil-punti 43 sa 47 ta' din id-deċiżjoni, huwa indika li r-rikorrenti la kienet iproduċiet il-prova tar-reputazzjoni tal-imsemmija trade mark, la wriet l-eżistenza ta' ħsara li l-użu tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni kkawża lill-karattru distintiv jew lir-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti, u lanqas ibbażat l-argument tagħha intiż sabiex isostni li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni kienet tikseb vantaġġ indebitu mir-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti. Fit-tielet lok, fir-rigward tal-oppożizzjoni ppreżentata fuq il-bażi tat-trade mark verbali LES THERMES DE SPA li tinkludi servizzi li jaqgħu taħt il-klassi 42, huwa qies, fil-punt 55, li l-kundizzjoni li kienet tirrigwarda r-reputazzjoni tal-imsemmija trade mark u msemmija fl-Artikolu 8(5) ta' dan ir-regolament ma kinitx issodisfatta fil-każ ineżami u li l-użu ġenwin ta' din it-trade mark fis-sens tal-Artikolu 42(2) tal-imsemmi regolament kien dubjuż. Fil-fehma tiegħu, it-trade mark inkwistjoni hija rrappreżentata fuq id-dokumenti bħala l-indikazzjoni ġenerika ta' post fi Spa (il-Belġju), fejn huwa possibbli li wieħed jieħu banju u mhux bħala t-trade mark ta' servizzi ta' impriża.

### **It-talbiet tal-partijiet**

- 15 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:
- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
  - tikkundanna lill-UASI u lill-intervenjenti għall-ispejjeż.
- 16 L-UASI jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:
- tiċħad ir-rikors;
  - tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.
- 17 L-intervenjenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:
- tikkonferma d-deċiżjoni kkontestata;
  - tiċħad ir-rikors;
  - tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

## Id-dritt

- 18 Insostenn tar-rikors, kif ġie kkonfermat waqt is-seduta, ir-rikorrenti tqajjem motiv uniku biss, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009, intiż li jikkontesta ċ-ċaħda tal-oppożizzjoni tagħha bbażata fuq it-trade mark verbali SPA li tinkludi prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 32. Dan il-motiv huwa maqsum f'żewġ partijiet. Fil-kuntest tal-ewwel parti, ir-rikorrenti tikkontesta l-evalwazzjoni tal-Bord tal-Appell li tipprovdi li r-reputazzjoni tal-imsemmija trade mark ma kinitx stabbilita fil-każ ineżami. Fil-kuntest tat-tieni parti, hija tikkontesta l-evalwazzjoni tal-Bord tal-Appell li tipprovdi li l-argumenti tagħha intiżi sabiex issostni l-probabbiltà li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni tikseb vantaġġ indebitu mit-trade mark verbali preċedenti inkwistjoni ma kinux sostnuti fil-każ ineżami.
- 19 Skont l-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009, dwar oppożizzjoni mill-proprietarju ta' trade mark preċedenti fis-sens tal-paragrafu 2, it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni wkoll ma għandhiex tiġi rreġistrata jekk din tkun identika jew jekk tkun tixbah it-trade mark preċedenti, u jekk tkun iddestinata sabiex tiġi rreġistrata għal prodotti jew servizzi li ma jixbhux dawk li għalihom tkun irreġistrata t-trade mark preċedenti, meta, fil-kuntest ta' trade mark nazzjonali preċedenti, hija għandha reputazzjoni fl-Istat Membru kkonċernat, u li l-użu mingħajr dritt tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni jkun kiseb vantaġġ indebitu mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti jew ikun ta' ħsara għalihom.
- 20 Għal dak li jikkonċerna t-trade marks irreġistrati quddiem il-Bureau Benelux des marques, it-territorju tal-Benelux għandu jiġi assimilat mat-territorju ta' Stat Membru (sentenza tal-14 ta' Settembru 1999, General Motors, C-375/97, Ġabra, EU:C:1999:408, punt 29).
- 21 Għall-istess motivi bħal dawk li jirrigwardaw il-kundizzjoni ta' reputazzjoni fi Stat Membru, ma jistax għalhekk ikun meħtieġ minn trade mark Benelux li r-reputazzjoni tagħha testendi għat-territorju tal-Benelux kollu. Huwa biżżejjed li din ir-reputazzjoni teżisti f'parti sostanzjali tiegħu, li tista' tikkorrispondi, skont il-każ, għal parti ta' wieħed mill-pajjiżi Benelux (sentenza General Motors, punt 20 iktar 'il fuq, EU:C:1999:408, punt 29).
- 22 Il-protezzjoni estiża mogħtija lit-trade mark preċedenti mill-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 tippreżumi l-għaqda ta' numru ta' kundizzjonijiet. Fl-ewwel lok, it-trade mark preċedenti allegatament ta' reputazzjoni għandha tkun irreġistrata. Fit-tieni lok, din tal-aħħar u t-trade mark li għaliha ntalbet ir-reġistrazzjoni għandhom ikunu identiċi jew simili. Fit-tielet lok, hija għandha jkollha reputazzjoni fl-Unjoni, fil-każ ta' trade mark Komunitarja preċedenti, jew fl-Istat Membru kkonċernat, fil-każ ta' trade mark nazzjonali preċedenti. Fir-raba' lok, l-użu mingħajr dritt tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għandu jwassal għal probabbiltà li jista' jittieħed vantaġġ indebitu miksub mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti jew li tista' ssir ħsara għall-karattru distintiv jew għar-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti. Peress li dawn il-kundizzjonijiet huma kumulattivi, in-nuqqas ta' waħda minnhom huwa suffiċjenti sabiex jirrendi l-imsemmija dispożizzjoni inapplicabbli [sentenzi tat-22 ta' Marzu 2007, Sigla vs UASI – Elleni Holding (VIPS), T-215/03, Ġabra, EU:T:2007:93, punti 34 u 35, u tal-11 ta' Lulju 2007, Mühlens vs UASI – Minoronzoni (TOSCA BLU), T-150/04, Ġabra, EU:T:2007:214, punti 54 u 55].
- 23 Għal dak li jirrigwarda, b'mod iktar partikolari, ir-raba' waħda mill-kundizzjonijiet skont l-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009, din issemmi tliet tipi ta' probabbiltajiet distinti u alternattivi, jiġifieri li l-użu mingħajr dritt tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni, fl-ewwel lok, jikkawża ħsara għall-karattru distintiv tat-trade mark preċedenti, fit-tieni lok, jikkawża ħsara għar-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti jew, fit-tielet lok, jikseb vantaġġ indebitu mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti. L-ewwel tip ta' probabbiltà msemmi minn din id-dispożizzjoni jinholq meta t-trade mark preċedenti ma tibqax f'pożizzjoni li tqanqal assoċjazzjoni immedjata mal-prodotti li għalihom hija rreġistrata u użata. Din jirrigwarda l-dilwizzjoni tat-trade mark preċedenti permezz tat-telf tal-identità tagħha u tal-influenza f'moħħ il-pubbliku. It-tieni tip ta'

probabbiltà msemmi huwa kkostitwit meta l-prodotti jew is-servizzi koperti mit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni jistgħu jitqiesu mill-pubbliku b'tali mod u manjiera li l-forza tal-attrazzjoni tat-trade mark preċedenti titnaqqas. It-tielet tip ta' probabbiltà msemmi huwa dak li l-immagħni tat-trade mark li għandha reputazzjoni jew il-karatteristiċi li din tal-aħħar tirrifletti jiġu ttrasferiti lill-prodotti koperti mit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni, b'tali mod li l-kummerċjalizzazzjoni tagħhom tkun iffaċilitata b'din l-assoċjazzjoni mat-trade mark preċedenti li għandha reputazzjoni. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li, fl-ebda wieħed minn dawn il-każijiet, l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade mark kunfliġġenti ma hija meħtieġa, peress li l-pubbliku rilevanti kellu biss ikun jista' jistabbilixxi rabta bejniethom mingħajr ma neċessarjament jagħmel konfużjoni bejniethom (ara s-sentenza VIPS, punt 22 iktar 'il fuq, EU:T:2007:93, punti 36 sa 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 24 Sabiex tiġi ddefinita aħjar il-probabbiltà msemmi mill-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009, għandha tiġi rrilevata l-ewwel funzjoni ta' trade mark li tikkonsisti b'mod inkontestabbli f'"funzjoni prinċipali". Xorta waħda jibqa' l-fatt li trade mark taġixxi bħala mezz ta' trażmissjoni ta' messaġġi oħra li jirrigwardaw, b'mod partikolari, il-kwalitajiet jew il-karatteristiċi partikolari tal-prodotti jew tas-servizzi li hija tkopri, jew l-immagħni u s-sensazzjonijiet li hija tagħti, bħal, pereżempju, il-lussu, l-istil ta' ħajja, l-esklużività, l-avventura u ż-żgħożija. F'dan is-sens, it-trade mark għandha valur ekonomiku intrinsiku awtonomu u distint meta mqabbel ma' dak ta' prodotti jew servizzi li għalihom hija rreġistrata. Il-messaġġi inkwistjoni li tippromwovi b'mod partikolari trade mark li għandha reputazzjoni jew li huma assoċjati magħha jagħtu lil din tal-aħħar valur importanti u denju ta' protezzjoni, u dan iktar u iktar billi, fil-parti l-kbira tal-każijiet, ir-reputazzjoni ta' trade mark hija r-riżultat ta' sforzi u investimenti kunsiderevoli tal-proprjetarju tagħha. Huwa għalhekk li l-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 40/94 jiżgura l-protezzjoni ta' trade mark li għandha reputazzjoni, fir-rigward ta' kull applikazzjoni għal trade mark identika jew simili li tista' tippreġudika l-immagħni tagħha, anki jekk il-prodotti jew is-servizzi koperti mit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni ma humiex simili għal dawk li għalihom it-trade mark preċedenti li għandha reputazzjoni ġiet irreġistrata (sentenza VIPS, punt 22 iktar 'il fuq, EU:T:2007:93, punt 35).
- 25 Huwa fid-dawl tal-prinċipji ffissati mill-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq li għandu jiġi eżaminat jekk il-Bord tal-Appell ġustament qiesx, essenzjalment, li t-tielet u r-raba' kundizzjonijiet skont l-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009, imfakkra fil-punt 22 iktar 'il fuq, kinux issodisfatti fil-każ ineżami.
- 26 Fid-deċiżjoni kkontestata, l-ewwel nett, il-Bord tal-Appell qies li r-rikorrenti ma kinitx stabbilixxiet ir-reputazzjoni tat-trade mark verbali SPA li tinkludi prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 31. F'dan ir-rigward, huwa osserva li d-dokumenti pprovduti mir-rikorrenti kienu jippermettu biss li tiġi stabbilita r-reputazzjoni tat-trade mark figurattiva SPA bi Pierrot. Għalhekk, fil-fehma tiegħu, kif jirriżulta mill-punt 41 tad-deċiżjoni kkontestata, fir-rigward tas-sentenza tat-13 ta' Settembru 2007, Il Ponte Finanziaria vs UASI (C-234/06 P, Ġabra, EU:C:2007:514, punt 86), ir-reputazzjoni tat-trade figurattiva SPA bi Pierrot ma setgħetx tiġi "estiża" għat-trade mark verbali SPA li tinkludi prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 32. Fil-punt 42 tal-imsemmija deċiżjoni, fil-fatt dan ikkonstata, kuntrarjament għal dak li kienet qieset id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni, li d-dokumenti pprovduti mir-rikorrenti kienu juru biss l-użu tal-kelma "spa" ħlief f'assoċjazzjoni ma' element figurattiv li jirrappreżenta pierrot u li dan l-element kien jeżerċita influwenza sinjifikattiva fuq il-karattru distintiv tat-trade mark figurattiva inkwistjoni u, għalhekk, fuq ir-reputazzjoni tagħha. Din l-evalwazzjoni, skont il-Bord tal-Appell, kienet ikkonfermata mid-dikjarazzjonijiet ta' rappreżentant tal-kumpannija parent tar-rikorrenti li kienu ċċitati fid-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tad-9 ta' Ottubru 2008, Gerwin Arnetzel vs Spa Monopole, Compagnie fermière de SPA (DENTAL SPA) (Kawżi magħquda R 1368/2007-1 u R 1412/2007-1) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni DENTAL SPA"). It-tieni nett, il-Bord tal-Appell qies, fil-punti 45 u 46 tad-deċiżjoni kkontestata, li r-rikorrenti ma kinitx stabbilixxiet kif meħtieġ mil-liġi li r-reġistrazzjoni tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni kienet tikkawża preġudizzju għall-karattru distintiv jew għar-reputazzjoni tat-trade mark verbali SPA li tinkludi prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 32 u indika,

fil-punt 47 ta' din id-deċiżjoni, li r-rikorrenti ma kienet ressqet ebda argument intiż li jistabbilixxi li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni kienet tikseb vantaġġ indebitu mit-trade mark verbali preċedenti inkwistjoni.

- 27 Madankollu, sa fejn huwa neċessarju, skont l-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009, li kull waħda mill-erba' kundizzjonijiet, imfakkra fil-punt 22 iktar 'il fuq, tiġi ssodisfatta sabiex it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni tiġi rrifjutata r-reġistrazzjoni, huwa biss jekk l-evalwazzjonijiet tal-Bord tal-Appell fid-deċiżjoni kkontestata li kienu ttrattaw kemm it-tielet kundizzjoni kif ukoll ir-raba' kundizzjoni kienu żbaljati li d-deċiżjoni kkontestata kellha tiġi annullata. Fil-fatt, għandu jiġi ppreċiżat, minn naħa, li huwa paċifiku li l-ewwel kundizzjoni, elenkata fil-punt 22 iktar 'il fuq, jiġifieri l-kundizzjoni marbuta mar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali inkwistjoni, hija ssodisfatta, u min-naħa l-oħra, li l-Bord tal-Appell ma ħax pożizzjoni, għall-inqas b'mod espliċitu, fid-deċiżjoni kkontestata, fuq it-tieni kundizzjoni, jiġifieri dik li tirrigwarda l-identità jew ix-xebh bejn it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni u t-trade mark verbali SPA li tinkludi prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 32.

*Fuq l-ewwel parti tal-motiv uniku, intiża li tikkontesta l-assenza ta' provi tar-reputazzjoni tat-trade mark verbali SPA li tinkludi prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 32*

- 28 Ir-rikorrenti tqis li l-Bord tal-Appell qies b'mod żbaljat li r-reputazzjoni tat-trade mark verbali SPA li tinkludi prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 32 ma kinitx ġiet stabbilita fil-każ ineżami. L-ewwel nett, hija ssostni li d-deċiżjoni kkontestata kienet ivvizzjata minn kontradizzjoni ta' motivi, sa fejn il-Bord tal-Appell ikkonstata li l-provi tar-reputazzjoni kienu jikkonċernaw biss it-trade mark figurattiva SPA bi Pierrot, filwaqt li l-oppożizzjoni kienet ġiet limitata għat-tliet trade marks preċedenti msemmija fil-punt 12 iktar 'il fuq, li fosthom ma kienx hemm l-imsemmija trade mark figurattiva. It-tieni nett, hija ssostni li l-Bord tal-Appell wettaq, essenzjalment, żball ta' liġi u żball ta' evalwazzjoni. L-iżball ta' liġi kien jirriżulta minn applikazzjoni ineżatta tal-ġurisprudenza li tirrigwarda l-prova ta' użu ta' trade mark preċedenti u b'mod partikolari tas-sentenza Il Ponte Finanziaria vs UASI, punt 26 iktar 'il fuq (EU:C:2007:514). L-iżball ta' evalwazzjoni huwa marbut mal-fatt li l-Bord tal-Appell ma kienx irrikonoxxa li t-trade mark verbali preċedenti inkwistjoni tikkonserva, meta tintuża mal-element figurattiv li jirrappreżenta l-immagna ta' pierrot, “setgħa distintiva awtonoma” u li dan “jidher b'mod dominanti”. Barra minn hekk, dan l-element figurattiv “ma [jbidel] bl-ebda mod il-karattru distintiv” tat-trade mark verbali preċedenti inkwistjoni, peress li din it-trade mark tibqa' dejjem rikonoxxibbli mill-konsumaturi tal-ilma minerali fil-pajjiżi tal-Benelux. Ir-rikorrenti tqis għalhekk li l-Bord tal-Appell kellu jikkonstata li d-dokumenti pprovduti matul il-proċedura amministrattiva kienu biżżejjed sabiex tiġi stabbilita r-reputazzjoni tat-trade mark verbali SPA li kienet tinkludi prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 32, li kienet, barra minn hekk, diġà rrikonoxxuta mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali kif ukoll fid-deċiżjonijiet tal-UASI u tal-qrati nazzjonali tal-pajjiżi tal-Benelux. Hija tafferma wkoll li l-Bord tal-Appell interpreta b'mod ineżatt id-dikjarazzjonijiet tar-rappreżentant tal-kumpannija parent tagħha, iċċitati fid-deċiżjoni DENTAL SPA, sa fejn dan ma kkonstatax li mid-dokument li jinkludi l-imsemmija dikjarazzjonijiet jirriżulta li l-element verbali “spa” jikkonserva l-karattru distintiv partikolari tiegħu fir-rigward tal-prodotti kkonċernati.
- 29 Preliminarjament, l-ewwel nett, għandu jiġi miċħud, bħala infondat, l-ilment li jgħid li teżisti kontradizzjoni ta' motivi fid-deċiżjoni kkontestata sa fejn il-Bord tal-Appell ikkonstata li l-provi tar-reputazzjoni kienu jikkonċernaw biss it-trade mark figurattiva SPA bi Pierrot, filwaqt li l-oppożizzjoni kienet ġiet limitata għat-tliet trade marks preċedenti msemmija fil-punt 12 iktar 'il fuq, li fosthom ma kienx hemm l-imsemmija trade mark figurattiva. F'dan ir-rigward, mill-punti 41 u 42 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li, għalkemm il-Bord tal-Appell qies li r-rikorrenti kienet stabbilixxiet ir-reputazzjoni tat-trade mark figurattiva SPA bi Pierrot, dan kien biss sabiex jiġi stabbilit jekk ir-reputazzjoni ta' din it-trade mark figurattiva tippermettix li tiġi stabbilita dik tat-trade mark verbali SPA li tinkludi prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 32. Fil-fatt, kif hija indikat fil-punt 23 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Bord tal-Appell illimita l-eżami tal-oppożizzjoni tiegħu għat-tliet trade marks imsemmija fil-punt 12 iktar 'il fuq.

- 30 It-tieni nett, sa fejn il-Bord tal-Appell qies, mingħajr ma dan kien ikkontestat mill-partijiet, li d-dokumenti pprovduti kienu jistabbilixxu r-reputazzjoni tat-trade mark figurattiva SPA bi Pierrot, għandu jiġi stabbilit jekk, f'dan il-każ, dan kienx korrett meta, fil-punt 43 tad-deċiżjoni kkontestata, huwa qies li r-reputazzjoni tal-imsemmija trade mark figurattiva ma tippermettix li jiġi konkluż li teżisti prova tar-reputazzjoni tat-trade mark verbali SPA li tinkludi prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 32.
- 31 F'dan ir-rigward, għandu jiġi speċifikat l-ewwel nett li, kif ġustament issostni r-rikorrenti, fil-kuntest ta' din il-kawża, din ma hijiex kwistjoni li jiġi pprovat l-użu tat-trade mark verbali preċedenti inkwistjoni, fis-sens tal-Artikolu 42 tar-Regolament 207/2009. Fil-fatt, minn naħa, tali talba ma tressqitx quddiem l-UASI u, min-naħa l-oħra, konformement mal-ġurisprudenza, trade mark preċedenti hija preżunta li kienet suġġetta għal użu serju sakemm talba li għandha bħala għan il-prova ta' tali użu ma tiġix ippreżentata, fejn it-talba għandha titressaq espressament u fil-ħin quddiem l-UASI [sentenza tas-17 ta' Marzu 2004, *El Corte Inglés vs UASI – González Cabello u Iberia Líneas Aéreas de España (MUNDICOR)*, T-183/02 u T-184/02, Ġabra, EU:T:2004:79, punti 38 u 39].
- 32 Barra minn hekk, għandu jiġi indikat li l-Qorti tal-Ġustizzja ammettiet li l-ksib tal-karattru distintiv ta' trade mark jista' jirriżulta wkoll mill-użu tagħha bħala parti minn trade mark irreġistrata oħra. (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, *L & D vs UASI*, C-488/06 P, Ġabra, EU:C:2008:420, punt 49). F'tali ipoteżi, hija qieset li l-kundizzjoni li għandha tiġi osservata, għat-trasferiment tal-karattru distintiv ta' trade mark irreġistrata għal trade mark irreġistrata oħra li tikkostitwixxi parti minnha, kienet li l-pubbliku kkonċernat ikompli jipperċepixxi l-prodotti inkwistjoni bħala li huma ġejjin minn impriża speċifika (sentenza tas-7 ta' Lulju 2005, *Nestlé*, C-353/03, Ġabra, EU:C:2005:432, punti 30 u 32).
- 33 Għalhekk, fid-dawl tal-ġurisprudenza msemmija fil-punt 32 iktar 'il fuq, għandu jitqies li l-proprietarju ta' trade mark irreġistrata jista', sabiex jiġi stabbilit il-karattru distintiv partikolari u r-reputazzjoni tagħha, jinvoka provi tal-użu tagħha taħt forma differenti, bħala parti minn trade mark irreġistrata oħra u li għandha reputazzjoni, bil-kundizzjoni li l-pubbliku kkonċernat ikompli jipperċepixxi l-prodotti inkwistjoni bħala li huma ġejjin mill-istess impriża.
- 34 Mill-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 32 u 33 iktar 'il fuq jirriżulta li l-Bord tal-Appell wettaq, kif ġustament issostni r-rikorrenti u kuntrarjament għal dak li jsostnu l-UASI u l-intervenjenti, żball ta' liġi meta qies, abbażi tas-sentenza *Il Ponte Finanziaria vs UASI*, punt 26 iktar 'il fuq (EU:C:2007:514), li r-reputazzjoni tat-trade mark figurattiva SPA bi Pierrot ma setgħetx tiġi "estiża" għat-trade mark verbali SPA li tinkludi prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 32. Fil-fatt, mill-ġurisprudenza (sentenza tal-25 ta' Ottubru 2012, *Rintisch*, C-553/11, Ġabra, EU:C:2012:671, punt 29) jirriżulta li huwa fil-kuntest partikolari tal-allegata eżistenza ta' "grupp" jew ta' "serje" ta' trade marks li għandha tinftiehem id-dikjarazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-punt 86 ta-sentenza *Il Ponte Finanziaria vs UASI*, punt 26 iktar 'il fuq (EU:C:2007:514), li tipprovdi li l-Artikolu 10(2)(a)(a) tal-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade mark (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 92), [u, b'analoġija, l-Artikolu 15(2)(a)], tar-Regolament Nru 207/2009] ma jippermettix li tiġi estiża, mill-prova tal-użu tagħha, il-protezzjoni li għandha trade mark irreġistrata meta mqabbla ma' trade mark oħra rreġistrata, li l-użu tagħha ma ġiex ipprovat, minħabba l-fatt li din tal-aħħar hija biss verżjoni kemxejn immodifikata tal-ewwel waħda. Skont l-imsemmija sentenza, l-użu ta' trade mark ma jistax jiġi invokat sabiex jiġġustifika l-użu ta' trade mark oħra, peress li l-għan huwa li jiġi stabbilit l-użu ta' numru suffiċjenti ta' trade marks tal-istess "grupp". F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li, kif hija ġustament tosserva, ir-rikorrenti ma pprovatx tistabbilixxi l-użu ta' trade marks tal-istess grupp SPA, iżda li turi, essenzjalment li t-trade mark verbali SPA li tinkludi prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 32 jibbenefikaw minn reputazzjoni, peress li l-użu tagħha fit-trade mark figurattiva SPA bi Pierrot ma biddlitx il-karattru distintiv tagħha u li, għall-kuntrarju, l-imsemmija trade mark verbali preċedenti tibqa' tidher sew u kienet rikonnoxxibbli sew fit-trade mark figurattiva inkwistjoni.



- 35 Fid-dawl tal-osservazzjonijiet preċedenti, kuntrarjament għal dak li l-Bord tal-Appell qies u dak li jsostnu l-UASI u l-intervenjenti, għandu jitqies li, sakemm tiġi ssodisfatta l-kundizzjoni imposta fil-ġurisprudenza msemmija fil-punt 32 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti setgħet, f'dan il-każ, tistabbilixxi r-reputazzjoni tat-trade mark verbali SPA li tinkludi prodotti li jaqgħu fil-klassi 32 billi jintużaw provi li jikkonċernaw it-trade mark figurattiva SPA bi Pierrot, li t-trade mark verbali preċedenti tiffirma parti minnha. Konsegwentement, jibqa' li jiġi eżaminat jekk, f'dan il-każ, il-kundizzjoni imposta mill-imsemmija ġurisprudenza hijiex issodisfatta, jiġifieri li l-elementi ta' differenza bejn it-trade mark verbali u t-trade mark figurattiva użata fin-negozju ma jipprekludux lill-pubbliku kkonċernat ikompli jipperċepixxi l-prodotti inkwistjoni li huma ġejjin minn impriża speċifika.
- 36 Għalhekk, għandu jiġi vverifikat jekk, kif sostna l-Bord tal-Appell fil-punt 42 tad-deċiżjoni kkontestata, l-element figurattiv li jirrappreżenta pierrot, li jidher fit-trade mark figurattiva SPA bi Pierrot, jippreżentax influwenza sinjifikattiva rigward il-karattru distintiv ta' din it-trade mark u, għalhekk, rigward ir-reputazzjoni tagħha, mill-fatt tal-assoċjazzjoni kostanti tagħha mat-terminu "spa" fid-dokumenti ppreżentati mir-rikorrenti. Barra minn hekk, hija l-Qorti Ġenerali wkoll li għandha teżamina jekk tali kunsiderazzjoni hijiex ikkonfermata, kif ikkunsidra l-Bord tal-Appell, bid-dikjarazzjonijiet ta' rappreżentant tal-kumpannija parent tar-rikorrenti, li jidhru fid-deċiżjoni DENTAL SPA, li jipprovdu li l-pierrot huwa l-"ambaxxatur tat-trade mark", parti integrali tagħha, "wieħed mill-ftit simboli li għandu aspett uman" u li għandu jitqiegħed "fuq quddiem".
- 37 Preliminarjament, għandu jiġi ppreċiżat li r-rikorrenti rtirat, kif ġie rrikonoxxut fis-seduta, l-ilment tagħha intiż li jsostni li l-Bord tal-Appell, billi bbaża ruħu fuq id-dikjarazzjonijiet tar-rappreżentant tal-kumpannija parent tar-rikorrenti, iċċitati fid-deċiżjoni DENTAL SPA, imsemmija fil-punt 26 iktar 'il fuq, ma rrispettax id-drittijiet tad-difiża tagħha, kif imsemmija fl-Artikoli 75 u 76 tar-Regolament Nru 207/2009, minħabba li d-dokument li jinkludi l-imsemmija dikjarazzjonijiet kien jiffirma parti minn proċedimenti differenti minn dawk li wasslu għad-deċiżjoni kkontestata.
- 38 Fid-dawl ta' dan, għandu jiġi osservat li, kuntrarjament għal dak li kien qies il-Bord tal-Appell fil-punt 42 tad-deċiżjoni kkontestata, mid-dikjarazzjonijiet tar-rappreżentant tal-kumpannija parent tar-rikorrenti, li jinsabu fid-deċiżjoni DENTAL SPA msemmija fil-punt 26 iktar 'il fuq, jirriżulta li element figurattiv li jikkonsisti f'pierrot għandu influwenza fundamentali fir-rigward tal-karattru distintiv tat-trade mark figurattiva inkwistjoni. Għalkemm l-imsemmija dikjarazzjonijiet jindikaw b'mod partikolari li dan l-element figurattiv huwa intiż li "jiffaċilita r-rikonoxximent tat-trade mark", sa fejn jirrigwarda "personaġġ favorit", li huwa l-"ambaxxatur tat-trade mark", għandu jiġi kkonstatat, madankollu, li l-imsemmi element figurattiv ma jidhrix fuq it-tikketta tal-fliexken ta' ilma riprodotta fl-artiklu tal-istampa li jiċċita dawn id-dikjarazzjonijiet. Fil-fatt, it-trade marks li jidhru fuq il-fliexken ta' ilma riprodotti fl-imsemmija artiklu kollha jinkludu l-element verbali "spa", li jidher b'mod predominanti, li miegħu jiżdied b'tipa żgħira l-element verbali "regina" u mingħajr mal-element figurattiv li jikkonsisti f'pierrot ma jkun jidher. Barra minn hekk, mill-istess dikjarazzjonijiet jirriżulta li l-immaġni tal-pierrot inħolqot b'mod partikolari sabiex dan ikun l-ambaxxatur ta' trade mark, diġà eżistenti, li tinkludi prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 32, sabiex tagħmillu reklam u sabiex iżżid ir-rikonoxximent tiegħu mal-pubbliku kkonċernat. Għalhekk, ma jstax jiġi dedott mid-dikjarazzjonijiet inkwistjoni li l-element figurattiv li jirrappreżenta pierrot, pjuttost milli jagħmel reklamar lit-trade mark verbali inkwistjoni, bħala trade mark riprodotta fit-trade mark SPA bi Pierrot, u li jżid ir-reputazzjoni fis-settur ikkonċernat, kellu, għall-kuntrarju, l-effett li jċaħħad mir-reputazzjoni f'moħħ tal-pubbliku mmirat.
- 39 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-element verbali "spa" jidher b'mod distint u prinċipali fit-trade mark figurattiva SPA bi Pierrot. Fil-fatt, għandu jiġi kkonstatat li l-immaġni ta' pierrot tidher f'kulur blu ċar kważi trasparenti, fl-isfond meta mqabbla mal-element verbali "spa", li, bil-kontra, huwa impost fuqu u huwa identifikat bil-kulur blu skur fuq sfond abjad, u fil-pożizzjoni ċentrali tiegħu fit-trade mark figurattiva inkwistjoni.

- 40 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-UASI jirrikonoxxi li, fost id-dokumenti ppreżentati mir-rikorrenti waqt il-proċedura amministrattiva, jidher artiklu tal-istampa fil-ġurnal *Het Laatste Nieuws*, tat-13 ta' Marzu 2003, li jindika li, fit-territorju rilevanti, "SPA hija t-trade mark l-iktar popolari (31 %)" [traduzzjoni libera]. Madankollu, kuntrarjament għal dak li jsostni l-UASI, il-fatt li r-ritratti ta' fliexken tal-ilma, li jinkludu l-element verbali "spa" u l-element figurattiv li jikkonsisti fi Pierrot, jidhru f'dan l-artiklu (u f'dokumenti oħrajn ipprovduti mir-rikorrenti) huwa irrilevanti fuq il-konstatazzjoni li mill-imsemmi artiklu jirriżulta li t-trade mark verbali SPA li tinkludi prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 32 għandha reputazzjoni minħabba r-rikonoxximent, mill-pubbliku kkonċernat, tal-element verbali "spa" bħala distintiv tal-prodotti kkummerċjalizzati mir-rikorrenti. Minn dan isegwi li l-preżenza jew l-assenza tal-immagħni tal-pierrot ma għandha ebda influwenza fuq il-fatt li l-pubbliku kkonċernat ikompli jipperċepixxi l-prodotti inkwistjoni li huma ġejjin minn impriża speċifika.
- 41 Fl-aħħar nett, għandu jiġi nnotat li minn ċerti dokumenti pprovduti mir-rikorrenti jirriżulta li t-terminu "spa" huwa użat spiss sabiex jirreferi għat-trade marks differenti tar-rikorrenti li jinkludu l-imsemmi terminu u li jinkludu l-prodotti, li jaqgħu fil-klassi 32, ikkummerċjalizzati minnha. F'dan ir-rigward, għandhom jissemmew, bħala eżempju, id-dokumenti li ġejjin:
- Estratt mill-ġurnal Belġjan *De Financieel-Economische Tijd* tas-17 ta' Marzu 2003, li minnu jirriżulta li "Spa hija t-trade mark ta' ilma ta' sors l-iktar magħruf fil-pajjiż tagħna" [traduzzjoni libera] [anness K (it-tielet parti) mal-posta tas-16 ta' Mejju 2006, ta' Spa Monopole lill-UASI];
  - Estratt mill-ġurnal Belġjan *La Libre Belgique* tat-22 ta' Lulju 2000 bit-titolu "*Que d'eaux que d'eaux*", li juri l-immagħni tal-fliexkien b'tikketti differenti li jinkludu, skont il-każ, it-terminu "spa", "Bru", "Chaufontaine" u li jindika dimensjoni tal-immagħni li, "minkejja l-kompetizzjoni miżjuda mit-trade marks ta' distributuri, l-ilma minerali Belġjan (Spa, Bru u Chaudfontaine) jibqgħu popolari mal-konsumaturi Belġjani" [traduzzjoni libera]; [Anness 5S mal-posta tas-26 ta' Awwissu 2005, ta' Spa Monopole lill-UASI];
  - Estratt minn ktieb bit-titolu *Le grand livre de l'eau, Histoire Traditions Environnement Art de vivre* tal-awtur Belġjan Jacques Mercier, li jindika li t-trade mark komposta mit-terminu "spa" għandha l-perċentwali l-iktar għoli fis-suq Belġjan tal-ilma minerali, jiġifieri 23.6 % [Anness 5Q mal-posta tas-26 ta' Awwissu 2004, ta' Spa Monopole lill-UASI];
  - Artiklu tat-13 ta' Marzu 2003 bit-titolu "*À vos marques. BMW, Coca-cola, Jupiler et encore Ikea plébiscitées par les consommateurs*", meħud mis-sit internet tal-ġurnal Belġjan "La dernière Heure", li fih huwa indikat li, wara sondaġġ imwettaq minn 17 800 Belġjan tas-27 ta' Jannar 2003 fuq it-trade marks ippreferuti fi 33 kategorija differenti ta' prodotti, "SPA [hija t-trade mark li ntgħażlet] għall-ilma" [Anness K (it-tieni parti) mal-ittra tas-16 ta' Mejju 2011, ta' Spa Monopole lill-UASI].
- 42 Fid-dawl tal-osservazzjonijiet kollha preċedenti, għandu jitqies li, kuntrarjament għal dak li jsostni l-UASI u l-intervenjenti, il-Bord tal-Appell ikkonkluda b'mod żbaljat li r-rikorrenti ma stabbilixxiet ir-reputazzjoni tat-trade mark verbali SPA li tinkludi prodotti li jaqgħu fil-klassi 32, inkwantu d-dokumenti li hija kienet ipprovdiet juru biss ir-reputazzjoni ta' trade mark oħra komposta mit-terminu "spa" assoċjat mal-element figurattiv li jirrappreżenta pierrot.
- 43 Konsegwentement, għandu jiġi rrikonoxxut li, kif diġà ġie indikat mid-Divizzjoni tal-Oppożizzjoni kif jirriżulta mill-punt 12 tad-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti stabbilixxiet ir-reputazzjoni tat-trade mark verbali SPA li tinkludi prodotti li jaqgħu fil-klassi 32 fil-pajjiżi tal-Benelux għall-ilma minerali.
- 44 Barra minn hekk, ir-reputazzjoni tat-trade mark verbali SPA li tinkludi prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 32 ġiet irrikonoxxuta, ukoll, mill-Qorti Ġenerali, kif ġustament tosserva r-rikorrenti, fis-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2008, *Mülhens vs UASI – Spa Monopole (MINERAL SPA)* (T-93/06, EU:T:2008:215, punt 34). F'din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-imsemmija trade mark

intużat fil-Benelux b'mod kontinwu għal diversi snin, kienet imxerda fit-territorju kollu tal-Benelux bi preżenza qawwija fid-distribuzzjoni kbira u żgħira, kienet il-leader tas-suq tal-ilma minerali b'seħem ta' suq ta' 23.6% u kienet is-suġġett ta' investimenti sinjifikattivi ta' reklamar u ta' attivitajiet ta' sponsorizzazzjoni ta' diversi avvenimenti sportivi, u li dawn l-elementi juru r-reputazzjoni, mill-inqas kbira ħafna, ta' din it-trade mark fil-Benelux għall-ilma minerali. Għalhekk mill-punt 34 tas-sentenza MINERAL SPA, iċċitata iktar 'il fuq (EU:T:2008:215) jirriżulta li, kuntrarjament għal dak li jsostnu l-UASI u l-intervenjenti, il-Qorti Ġenerali mhux dejjem illimitat ruħha li tikkonstata li r-reputazzjoni tat-trade mark inkwistjoni ma kinitx ikkontestata, iżda wasslet hija stess għal tali konklużjoni għall-motivi esposti fl-imsemmi punt. Il-fatt li t-trade mark hija kkummerċjalizzata mill-1924, data tal-ħolqien tal-immagħni tal-pierrot, flimkien ma' din l-immagħni ma kellux effett fuq il-konstatazzjoni tar-reputazzjoni tat-trade mark verbali SPA li tinkludi prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 32.

- 45 Sa fejn, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza msemmija fil-punt 22 iktar 'il fuq, il-protezzjoni mogħtija lit-trade mark preċedenti permezz tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 tippreżumi l-għaqda ta' erba' kundizzjonijiet u li l-assenza ta' waħda minnhom hija biżżejjed sabiex tirrendi inapplikabbli l-imsemmija dispożizzjoni, għandu jiġi stabbilit jekk il-Bord tal-Appell wettaqx ukoll żball fl-evalwazzjoni tar-raba' kundizzjoni, imfakkra fil-punt 22 iktar 'il fuq.

*Fuq it-tieni parti tal-motiv uniku, intiża li tikkontesta l-assenza ta' analiżi tal-probabbiltà ta' parassitiżmu tat-trade mark verbali SPA li tinkludi prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 32*

- 46 Ir-rikorrenti ssostni li l-Bord tal-Appell qies, b'mod żbaljat, fil-punt 47 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-argument intiż li tiġi stabbilita l-probabbiltà ta' parassitiżmu tat-trade mark verbali SPA li tinkludi prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 32, ma ġiex issostanzjat. Konsegwentement, hija ssostni l-Bord tal-Appell kien żbalja wkoll meta ma wettaqx l-analiżi tal-imsemmija probabbiltà.
- 47 Hemm lok li jifakkar li, fil-punt 47 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Bord tal-Appell qies li r-rikorrenti ma kinitx issostanzjat l-argumenti tagħha intiżi li jsostnu l-probabbiltà li l-użu mingħajr dritt tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni jikseb vantaġġ indebitu mit-trade mark preċedenti, minħabba li din kienet limitata ruħha għal dikjarazzjoni ta' prinċipju, ippreżentata bħala sempliċi konklużjoni tal-argumenti preċedenti tagħha li jirrigwardaw il-ħsara magħmula lill-karattru distintiv tat-trade mark verbali preċedenti inkwistjoni kif ukoll il-ħsara kkawżata lir-reputazzjoni tagħha. Il-Bord tal-Appell ibbaża l-konstatazzjoni tiegħu fuq l-argumenti ppreżentati mir-rikorrenti fl-ittra tagħha tat-8 ta' Settembru 2004, li tesponi r-raġunijiet tal-oppożizzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni.
- 48 Skont il-ġurisprudenza, il-ħsarat imsemmija fl-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009, meta jinħolqu, huma l-konsegwenza ta' ċertu grad ta' xebh bejn is-sinjali kunfliġġenti, li minħabba f'dan il-pubbliku kkonċernat jagħmel konnessjoni bejn dawn is-sinjali, jiġifieri jistabbilixxi rabta bejn dawn is-sinjali, anki jekk ma jhawwadhomx. L-eżistenza ta' rabta bħal din għandha tiġi evalwata b'mod globali, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha tal-każ ineżami, b'mod partikolari, il-grad ta' xebh bejn is-sinjali kunfliġġenti, in-natura tal-prodotti jew tas-servizzi li għalihom it-trade marks kunfliġġenti huma rreġistrati rispettivament, inkluż il-grad ta' xebh jew ta' nuqqas ta' xebh bejn dawn il-prodotti jew servizzi kif ukoll il-pubbliku kkonċernat, l-intensità tar-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti u l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni f'moħħ il-pubbliku (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-27 ta' Novembru 2008, Intel Corporation, C-252/07, Ġabra, EU:C:2008:655, punti 41 u 42).
- 49 Għandu jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009, il-proprjetarju ta' trade nazzjonali preċedenti li għandha reputazzjoni jista' jopponi r-reġistrazzjoni ta' sinjali li jixxiebhu jew identiċi għaliha, li jistgħu kemm jikkawżaw ħsara lir-reputazzjoni jew lill-karattru distintiv tat-trade mark preċedenti kif ukoll li jinkiseb vantaġġ indebitu minn din ir-reputazzjoni jew minn dan

il-karattru distintiv[ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-22 ta' Settembru 2011, Interflora u Interflora British Unit, C-323/09, Ġabra, EU:C:2011:604, punt 70, u tal-25 ta' Mejju 2005, Spa Monopole vs UASI - Spa-Finders Travel Arrangements (SPA-FINDERS), T-67/04, Ġabra, EU:T:2005:179, punt 40].

- 50 Il-ħsarat li kontribom l-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 2007/2009 jiżgura l-protezzjoni huma, l-ewwel nett, il-probabbiltà ta' ħsara kkawżata lill-karattru distintiv tat-trade mark, it-tieni nett, il-probabbiltà ta' ħsara kkawżata lil din it-trade mark u, it-tielet nett, il-probabbiltà ta' vantaġġ indebitu miksub mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni tal-imsemmija trade mark, fejn l-eżistenza ta' waħda minn dawn il-probabbiltajiet tkun suffiċjenti sabiex l-imsemmija kundizzjoni tkun issodisfatta (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenzi Intel Corporation, punt 48 iktar 'il fuq, EU:C:2008:655, punt 28, u Interflora u Interflora British Unit, punt 49 iktar 'il fuq, EU:C:2011:604, punt 72 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 51 Fir-rigward tal-kunċett ta' vantaġġ indebitu miksub mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni tat-trade mark, dan huwa ddenominat ukoll bit-terminu "parassitiżmu". Dan ma huwiex marbut mal-ħsara sostnuta mit-trade mark, iżda mal-vantaġġ miksub mit-terzi mill-użu mingħajr dritt tas-sinjali li jixxiebah jew li jkun identiku għaliha. Dan jinkludi b'mod partikolari l-każijiet fejn, permezz ta' trasferiment tal-immaġni tat-trade mark jew tal-karatteristiċi li hija tixħet lejn il-prodotti koperti mis-sinjali identiku jew li jixxiebah, ikun hemm sfruttament manifest minn fuq it-trade mark li għandha reputazzjoni (ara, b'analoġija, is-sentenza Interflora u Interflora British Unit, punt 49 iktar 'il fuq, EU:C:2011:604, punt 74 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 52 F'dan ir-rigward, għandu jittfakkar li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, iktar mal-evokazzjoni tat-trade mark preċedenti mit-trade mark sussegwenti tkun immedjata u b'saħħitha, iktar ma tkun kbira l-probabbiltà li l-użu attwali jew futur tat-trade mark sussegwenti jikseb vantaġġ indebitu mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti, jew ikun ta' ħsara għalihom (sentenza Intel Corporation, punt 48 iktar 'il fuq, EU:C:2008:655, punt 67). Barra minn hekk, iktar mal-karattru distintiv u r-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti jkunu sinjifikattivi, iktar l-eżistenza ta' ħsara tkun faċilment aċċettata (sentenza General Motors, punt 20 iktar 'il fuq, EU:C:1999:408, punt 30). Il-Qorti Ġenerali, min-naħa tagħha, speċifikat li kien possibbli, b'mod partikolari fil-każ ta' oppożizzjoni bbażata fuq trade mark li tgawdi minn reputazzjoni eċċezzjonalment għolja, li l-probabbiltà mhux ipotetika ta' riskju futur ta' ħsara jew ta' vantaġġ indebitu miksub mit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni tkun tant evidenti li l-parti li qed toponni ma jkollhiex għalfejn tinvoka u lanqas li tipproduċi l-prova ta' element fattwali ieħor għal dan il-għan (ara, f'dan is-sens, is-sentenza VIPS, punt 22 iktar 'il fuq, EU:T:2007:93, punt 48). Huwa sostnut ukoll li l-proprjetarju tat-trade mark preċedenti ma kienx obligat jipproduċi prova tal-eżistenza ta' ħsara effettiva u attwali għat-trade mark tiegħu. Huwa kellu biss jipproduċi provi li abbażi tagħhom ikun jista' jiġi konkluż li *prima facie* teżisti probabbiltà futura, li ma tkunx ipotetika, ta' vantaġġ indebitu jew ta' ħsara (ara, f'dan is-sens, is-sentenza SPA-FINDERS, punt 49 iktar 'il fuq, EU:T:2005:179, punti 40 u 41).
- 53 F'dan il-każ, fid-dawl tal-fatt li, skont il-ġurisprudenza msemmija fil-punt 50 iktar 'il fuq, waħda mill-ħsarat imsemmija mir-raba' kundizzjoni indikata fil-punt 22 iktar 'il fuq hija biżżejjed sabiex il-proprjetarju ta' trade mark preċedenti jkun awtorizzat li jipprojbixxi l-użu tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni, għandu jiġi vverifikat jekk ir-rikorrenti qajmitx matul il-proċedura amministrattiva argumenti intiżi sabiex tiġi stabbilita l-probabbiltà li l-użu mingħajr dritt tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni tikseb vantaġġ indebitu mit-trade mark verbali preċedenti, b'tali mod li l-Bord tal-Appell kellu jeżaminahom u jieħu pożizzjoni fuq l-eżistenza tal-probabbiltà inkwistjoni.
- 54 Fl-ewwel lok, mill-punt 12 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li d-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni kienet ikkunsidrat li d-dokumenti, ippreżentati mir-rikorrenti, kienu jipprovaw ir-reputazzjoni tat-trade mark verbali SPA li tinkludi prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 32 għall-ilma minerali u li l-imsemmija trade mark kienet toffri immaġni ta' "purezza, [ta'] saħħa, [ta'] sbuħija". Rigward il-probabbiltà ta'

parassitiżmu ta' din it-trade mark, id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni kienet speċifikat li s-sinjali kunfliġġenti kienu jixxiebhu, peress li l-kelma "sparitual" tinkludi l-kelma "spa" u, għal din ir-raġuni, il-konsumatur tal-pajjiżi tal-Benelux kien jista' jstabbilixxi rabta bejn iż-żewġ sinjali. Id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni kienet qieset ukoll li kienet teżisti rabta bejn il-prodotti kożmetiċi msemmija mit-trade mark preċedenti (peress li l-prodotti kożmetiċi jistgħu jinkludu l-ilma minerali u jintużaw flimkien ma' dan l-ilma) u li, għal din ir-raġuni, trasferiment tal-immaġni ta' purezza, ta' saħħa u ta' sbuħija ta' prodott għall-oħra kienet possibbli.

- 55 Fit-tieni lok, mill-atti tal-proċess jirriżulta li, fl-osservazzjonijiet tagħha tal-24 ta' Mejju 2011, ippreżentati quddiem il-Bord tal-Appell, ir-rikorrenti rreferiet espliċitament għall-argumenti li hija kienet qajmet preċedentement quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni. Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li l-imsemmija argumenti kienu ntlagħu u ttieħdu inkunsiderazzjoni mid-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni fid-deċizzjoni tagħha tat-8 ta' Ottubru 2010, li kienet, konsegwentement, laqgħet l-oppożizzjoni tagħha, kif ġie speċifikat fil-punt 10 iktar 'il fuq. Dawn l-argumenti kienu jikkonsistu, essenzjalment, sabiex jiġi sostnut li, fid-dawl tax-xebh bejn is-sinjali kunfliġġenti, tal-prossimità tal-prodotti koperti minnhom u tar-reputazzjoni kbira ħafna tat-trade mark verbali preċedenti inkwistjoni, il-pubbliku kkonċernat kien jista' jstabbilixxi rabta bejn is-sinjali kunfliġġenti u, minħabba dan il-fatt, it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni setgħet tikseb vantaġġ mill-immaġni ta' saħħa, ta' purezza u ta' sbuħija, speċifiċi għat-trade mark preċedenti. L-istess argumenti kienu inklużi b'mod partikolari fl-osservazzjonijiet differenti tagħha ppreżentati quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni u tal-Bord tal-Appell (osservazzjonijiet tat-8 ta' Settembru 2005, tat-18 ta' April 2006, tas-16 ta' Jannar 2007, tat-13 ta' Mejju u tas-16 ta' Settembru 2008). Mill-qari tal-imsemmija osservazzjonijiet jirriżulta li r-rikorrenti kienet issostanzjat l-argument tagħha sabiex issostni l-eżistenza ta' probabbiltà ta' parassitiżmu tat-trade mark verbali SPA li tinkludi prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 32 quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni u li r-raġunijiet li joriġinaw mill-imsemmi argument setgħu jiġu faċilment identifikati mill-Bord tal-Appell abbażi ta' indikazzjonijiet mir-rikorrenti, kif ukoll mid-deċizzjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni, li kienet is-suġġett tal-istħarriġ tal-Bord tal-Appell.
- 56 F'dan ir-rigward, għandu jtifakkar li mill-kontinwità funzjonali bejn id-diversi dipartimenti tal-UASI jirriżulta li, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 76 tar-Regolament Nru 207/2009, il-Bord tal-Appell huwa marbut illi jibbaża d-deċizzjoni tiegħu fir-rigward tal-punti kollha ta' fatt u ta' liġi preżenti fid-deċizzjoni kkontestata quddiemu u fir-rigward ta' dawk ippreżentati mill-parti jew partijiet fil-proċedimenti quddiem id-diviżjoni li ddeċidiet fil-prim'istanza, jew, suġġett biss għall-Artikolu 76(2), waqt il-proċedimenti ta' appell. B'mod partikolari, il-portata tal-eżami li l-Bord tal-Appell għandu l-obbligu jwettaq fir-rigward tad-deċizzjoni kkontestata quddiemu ma hijiex, bħala regola ġenerali, iddeterminata esklużivament mir-raġunijiet invokati mill-parti jew mill-partijiet fil-proċedimenti quddiemu [ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Frar 2005, SPAG vs UASI – Dann u Backer (HOOLIGAN), T-57/03, Ġabra, EU:T:2005:29, punt 18 u l-ġurisprudenza ċċitata].
- 57 Konsegwentement, għandu jiġi kkonstatat li l-kwistjoni dwar il-probabbiltà li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni tista' tikseb vantaġġ indebitu mit-trade verbali SPA li tinkludi prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 32 tiffirma parti mill-kuntest fattwali u legali quddiem il-Bord tal-Appell. Hija ġiet ittrattata mid-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni fid-deċizzjoni tagħha, bi tweġiba għall-argumenti tar-rikorrenti, peress li din il-kwistjoni kellha b'mod obligatorju tiġi riżolta sabiex tingħata deċizzjoni fuq l-oppożizzjoni. Għaldaqstant, il-Bord tal-Appell kellu jibbaża d-deċizzjoni tiegħu billi jieħu inkunsiderazzjoni d-dokumenti kollha li jinkludu l-argumenti tar-rikorrenti li wasslu għad-deċizzjoni kkontestata quddiemu. Minn dan isegwi li l-Bord tal-Appell żbalja meta qies li l-argumenti tar-rikorrenti li jirrigwardaw il-probabbiltà li l-użu mingħajr dritt tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni jikseb vantaġġ indebitu mit-trade mark preċedenti ma kinux sostnuti, billi bbaża ruħu biss fuq l-ittra tar-rikorrenti tat-8 ta' Settembru 2005.
- 58 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, minn naħa, għandu jiġi miċħud l-argument tal-UASI li jgħid li l-ilmenti mqajma mir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali u bbażati fuq il-probabbiltà ta' parassitiżmu tat-trade mark verbali SPA li tinkludi prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 32 huma

inammissibbli, peress li huma jbiddu s-suġġett tal-kwistjoni kif miġjuba quddiem il-Bord tal-Appell. Min-naħa l-oħra, mill-imsemmija kunsiderazzjonijiet jirriżulta li, kif ir-rikorrenti sostniet b'mod ġust, essenzjalment, il-Bord tal-Appell wettaq żball meta ma wettaqx l-analiżi tal-argumenti li r-rikorrenti kienet ippreżentat quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni insostenn tal-ilment tagħha bbażat fuq probabbiltà ta' parassitiżmu tal-imsemmija trade mark preċedenti, meta huwa kien obligat li jagħmilha.

- 59 Barra minn hekk, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 52 iktar 'il fuq, fid-dawl tar-reputazzjoni kbira ħafna tat-trade mark verbali SPA li tinkludi prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 32, kif stabbilita fil-każ ineżami u, barra minn hekk, diġà rrikonoxxuta preċedentement mill-Qorti Ġenerali, kif tenfasizza r-rikorrenti fl-osservazzjonijiet tagħha tal-24 ta' Mejju 2011 (sentenza MINERAL SPA, punt 44 iktar 'il fuq, EU:T:2008:215, punti 41 sa 43), probabbiltà ta' parassitiżmu ma tistax *prima facie* tiġi eskluża.
- 60 F'dawn il-kundizzjonijiet, għandu jiġi kkonstatat li, sa fejn il-Bord tal-Appell ċaħad l-oppożizzjoni bbażata fuq it-trade mark verbali SPA li tinkludi prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 32, mingħajr ma eżamina fil-mertu jekk il-kundizzjonijiet kollha skont l-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009, elenkati fil-punt 22 iktar 'il fuq, sabiex tiġi miċħuda l-oppożizzjoni kinux issodisfatti, b'mod partikolari, minn naħa, dik li tirrigwarda x-xebh tas-sinjali kunfliġġenti u, min-naħa l-oħra, dik li tirrigwarda l-probabbiltà ta' parassitiżmu tal-imsemmija trade mark preċedenti, evalwati fid-dawl b'mod partikolari tal-intensità tar-reputazzjoni tal-imsemmija trade mark, hemm lok li t-tieni parti tal-motiv imqajjem mir-rikorrenti tintlaqa'.
- 61 Sa fejn il-Bord tal-Appell ma analizzax il-probabbiltà li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni tikseb vantaġġ indebitu mit-trade mark inkwistjoni, għandu jitqies li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-Qorti Ġenerali ma għandhiex tissostitwixxi l-evalwazzjoni tal-Bord tal-Appell ma' dik tagħha, u, lanqas, li twettaq evalwazzjoni li fuqha l-imsemmi Bord għadu ma ħax pożizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Lulju 2011, Edwin vs L-UASI, C-263/09 P, Ġabra, EU:C:2011:452, punt 72).
- 62 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, għandu jiġi konkluż li l-Bord tal-Appell qies b'mod żbaljat li l-kundizzjoni bbażata fuq ir-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti ma kinitx issodisfatta fil-każ ineżami u, li, żbalja wkoll, meta naqas milli jivverifika l-eżistenza tal-probabbiltà li t-trade li għaliha saret l-applikazzjoni tikseb vantaġġ indebitu mit-trade mark preċedenti, meta, kif intwera iktar 'il fuq, huwa kellu jagħmel dan. Għalhekk, hemm lok li l-motiv uniku jintlaqa' bħala fondat u li d-deċiżjoni kkontestata tiġi annullata.

### Fuq l-ispejjeż

- 63 Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, il-parti li titlef il-kawża għandha tbatli l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li l-UASI u l-intervenjenti tilfu, hemm lok li jiġu kkundannati għall-ispejjeż tagħhom kif ukoll għall-ispejjeż tar-rikorrenti, skont it-talbiet ta' din tal-aħħar.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

- 1) **Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għal-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tad-9 ta' Jannar 2012 (Każ R 2396/2010-1) hija annullata.**
- 2) **L-UASI u Orly International, Inc. huma kkundannati jsostnu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll l-ispejjeż ta' Spa Monopole, compagnie fermière de Spa SA/NV.**

Martins Ribeiro

Gervasoni

Madise

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fil-5 ta' Mejju 2015.

Firem